



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 29.6.2007
KUMM(2007) 320 finali

2005/0183 (COD)

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI
LILL-PARLAMENT EWROPEW**

skond it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 251(2) tat-Trattat KE

dwar il-

**pożizzjoni komuni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u
tal-Kunsill dwar il-kwalità ta' l-arja u arja aktar nadifa għall-Ewropa**

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI
LILL-PARLAMENT EWROPEW**

skond it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 251(2) tat-Trattat KE

dwar il-

**pożizzjoni komuni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u
tal-Kunsill dwar il-kwalità ta' l-arja u arja aktar nadifa għall-Ewropa**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

1. PROĊEDURA

Il-proposta COM(2005) 447 finali ntbagħtet lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill skond il-proċedura stabbila fl-Artikolu 251 tat-Trattat KE.

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fis-17 ta' Mejju 2006.

Il-Kumitat tar-Reġjuni ta l-opinjoni tiegħu fis-26 ta' April 2006.

Il-Parlament Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fl-ewwel qari fis-26 ta' Settembru 2006.

Wara l-opinjoni tal-Parlament Ewropew u skond l-Artikolu 250(2) tat-Trattat KE, il-Kunsill laħaq qbil politiku b'maġġoranza kkwalifikata dwar Pożizzjoni Komuni fit-23 ta' Ottubru 2006. Il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni fil-25.6.2007.

2. GĦAN TAL-PROPOSTA TAL-KUMMISSJONI

In-tniġġis ta' l-arja għandu effetti negattivi sostanzjonali fuq is-saħħa. Skond l-aktar evidenza xjentifika u dwar is-saħħa reċenti, li ġiet ippreżentata fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Strateġija Tematika dwar it-Tniġġis ta' l-Arja COM(2005) 446, is-sempliċi espożizzjoni għall-materja bil-partiċelli fini PM_{2.5} fl-arja hija l-każ ta' tnaqqis fiż-żmien li wieħed jistenna li jgħix ta' aktar minn 8 xhur. Fil-proposta tagħha, il-Kummissjoni għaldaqstant tintroduċi standards ambjentali speċifiċi għall-materja bil-partiċelli fini PM_{2.5} fl-arja. L-implimentazzjoni tagħhom ikollha kontribut sinifikanti sabiex jintlaħaq l-għan ta' l-Istrateġija Tematika dwar it-tniġġis ta' l-arja li huwa li jitnaqqsu s-snin ta' ħajja li jintilfu fl-Ewropa minħabba espożizzjoni għal materja bil-partiċelli fini fil-perjodu bejn l-2000 u l-2020.

Il-Proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva fuq il-kwalità ta' l-arja u arja aktar nadifa għall-Ewropa, li tkompli fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni għal "regolazzjoni aħjar", tkompli tgħaqqad id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva ta' qafas u t-tliet Direttivi sekondarji fuq il-kwalità ta' l-arja flimkien mad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-Iskambju ta' Informazzjoni f'direttiva waħda bl-intenzjoni li l-leġiżlazzjoni eżistenti tiġi ssimplifikata u mħaffa u l-volum tagħha jitnaqqas. Barra minn dan, il-proposta

tirrevedi dispożizzjonijiet eżistenti sabiex tinkludi l-esperjenza ta' l-Istati Membri. Għal dan l-għan il-proposta:

- (1) tintroduċi rekwiżiti ta' monitoraġġ speċifiċi u għanijiet ambjentali ġodda għall-materja bil-partiċelli fini $PM_{2.5}$,
- (2) tipprovdi xi flessibbiltà fl-implimentazzjoni billi tippermetti, taħt kundizzjonijiet speċifiċi li għandhom jiġu approvati mill-Kummissjoni, prolongazzjoni tad-dati li sa fihom għandhom jintlaħqu xi valuri limiti bħall-valuri limiti għall-materja bil-partiċelli fini PM_{10} u d-diossidu tan-nitroġenu,
- (3) tħalli lill-Istati Membri jikkonċentraw l-isforzi tagħhom billi tippermetti t-tnaqqis tal-kontribuzzjonijiet naturali filwaqt li tevalwa kemm jiġu rrispettati l-valuri limiti.

3. KUMMENTI TAL-KUMMISSJONI

3.1. Kummenti Ġenerali

Il-Parlament Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fl-ewwel qari fis-26 ta' Settembru 2006. Il-Kummissjoni aċċettat totalment, parzjalment jew fil-prinċipju disġha u għoxrin (29) mid-disġha u ħamsin (59) emenda proposti mill-Parlamenti Ewropew fl-ewwel qari. Sittax (16) mid-disġha u għoxrin (29) huma diġà, talanqas parzjalment, riflessi fil-pożizzjoni komuni.

Il-Kummissjoni aċċettat l-emendi kollha li jwasslu għal aktar simplifikazzjoni u ċarezza, jew li tejbju l-informazzjoni li tingħata lill-pubbliku: 2, 6, 11, 13, 19, 21, 26, 27, 31, 37, 39, 41, 42, 65; jew li jwessgħu l-ambitu tar-reviżjoni: 48.

Il-Kummissjoni aċċettat uħud mill-emendi parzjalment jew fil-prinċipju. Fil-każ ta' wħud minnhom, il-Kummissjoni hija ta' l-opinjoni li b'abbozzar mill-ġdid isiru akar ċari. L-oħrajn fihom bidliet li huma aċċettabbli fil-prinċipju, bħal per eżempju l-introduzzjoni tal-kunċett ta' skala flessibbli għall-għan ta' tnaqqis fl-espożizzjoni li jinsab fl-emenda 49. Madankollu mhux id-dispożizzjonijiet kollha f'dawn l-emendi jistgħu jiġu aċċettati għax uħud minnhom jistgħu jippreġudikaw il-bilanċ bejn l-iżgurar tal-flessibbiltà fl-implimentazzjoni u l-ħarsien tas-saħħa pubblika.

Il-Kummissjoni ma laqgħetx, b'mod partikolari, emendi li jnaqqsu l-livell tal-ħarsien tas-saħħa pubblika, jew taħt il-livell tal-leġiżlazzjoni eżistenti, jew inkella, f'dak li jirrigwarda l-għan tat-tnaqqis fl-espożizzjoni fil-każ ta' materja bil-partiċelli fini $PM_{2.5}$, taħt il-livell ta' l-ambizzjoni stabbilita fl-Istrateġija Tematika dwar it-tniġġis ta' l-arja. Il-Kummissjoni ma laqgħetx ukoll emendi li tikkunsidra li jintroduċu rekwiżiti li ma jistgħux jintlaħqu fiż-żmien stabbilit, jew li jillimitaw l-iskop għal azzjoni ta' l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali sabiex id-Direttiva tiġi implimentata b'mod effettiv. Il-Kummissjoni tqis li jekk jittieħdu flimkien, l-emendi tal-Parlament iwasslu għal proposta anqas ambizzjuża mill-proposta oriġinali tal-Kummissjoni.

L-Istati Membri ilhom minn Settembru 2005 jiddiskutu l-proposta fil-Kunsill. Il-pożizzjoni komuni fiha numru sinifikanti ta' bidliet meta pparagunat mal-proposta oriġinali tal-Kummissjoni. F'termini ta' preżentazzjoni, it-test ġie ssimplifikat

permezz ta' modifiki bħall-eliminazzjoni tal-kunċett ta' limitu massimu ta' konċentrazzjoni u l-introduzzjoni ta' pjan wieħed tal-kwalità ta' l-arja. Ġew ukoll indirizzati wħud mill-elementi ewlenin tal-proposta oriġinali tal-Kummissjoni, jiġifieri l-istima tal-kwalità ta' l-arja, għanijiet ġodda rigward materja bil-partiċelli fini PM_{2.5} u l-flessibbiltà fl-implimentazzjoni. Il-bidliet huma ppreżentati f'aktar dettall hawn isfel. Filwaqt li jipprovdur aktar flessibbiltà fl-implimentazzjoni tad-Direttiva, huma jżommu l-bilanċ tal-livell mixtieq mal-bilanċ meħtieġ għall-ħarsien tas-saħħa pubblika, kif stabbilit mill-proposta oriġinali tal-Kummissjoni. Intlaħq ftehim politiku permezz ta' maġġoranza kkwalifikata, bl-Olanda u l-Polonja li vvutaw kontra filwaqt li l-Iżvezja asteniet.

3.2. Kummenti ddettalġati

3.2.1. Emendi Parlamentari aċċettati mill-Kummissjoni u inkorporati kollha kemm huma jew parzjalment fil-pożizzjoni komuni.

Il-kontenut, jekk mhux saħansitra t-test eżatt ta' l-emendi li ġejjin li ġew aċċettati totalment, fil-prinċipju jew parzjalment mill-Kummissjoni, jinsab fil-pożizzjoni komuni: l-emendi numru 1, 2, 13, 14, 19, 21, 26, 27, 29, 31, 40, 41, 42, 45, 48 u 65.

Il-maġġoranza ta' dawn l-emendi jirriflettu s-sostituzzjoni tal-kunċett ta' limitu massimu ta' konċentrazzjoni bil-kunċett aktar stabbilit ta' valur limitu. Peress li ż-żewġ kunċetti għandhom l-istess konsegwenzi legali, dan ma jintroduċix bidla fis-sustanza iżda jissimplifika t-test u jnaqqas in-numru ta' standards differenti użati.

L-emenda 41 tirrigwarda l-ħtieġa għall-Istati Membri li jinnotifikaw id-dispożizzjonijiet dwar il-pieni lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni taċċetta l-proposta tal-Parlament li tħassar din il-ħtieġa minħabba li l-istess għan jista' jintlaħaq permezz ta' l-Artikolu 33 tad-Direttiva u ta' l-obbligu ġenerali stabbilit fl-Anness 10 tat-Trattat KE.

3.2.2. Emendi Parlamentari aċċettati mill-Kummissjoni iżda mhux fil-pożizzjoni komuni.

L-emenda 6 tirrigwarda premessa li tinkoraġġixxi bis-saħħa t-tkomplija ta' miżuri fissi b'miżuri permezz ta' mudelli u miżuri indikattivi.

L-emenda 11 tiddekrivi r-raġunament li fuqu huma bbażati d-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 22. Fil-pożizzjoni komuni, dawn id-dispożizzjonijiet huma trattati fil-Premessa 15.

L-emendi 37 u 39 jipproponi li l-federazzjonijiet industrijali jiġu inklużi fil-lista ta' korpi rilevanti li jeħtieġ li jiġu informati skond id-dispożizzjonijiet dwar informazzjoni lill-pubbliku ta' l-Artikoli 24 u 26. Il-Kummissjoni temmen li din iż-żieda tagħmel sens u mhijiex differenti minn prassi tajba eżistenti.

3.2.3. Emendi Parlamentari miċħuda mill-Kummissjoni iżda li huma parti mill-pożizzjoni komuni.

Mhux applikabbli.

3.2.4. *Bidliet li saru lill-Proposta mill-Kunsill – Elementi ewlenin*

Kemm il-Kunsill kif ukoll il-Parlament indirizzaw id-dispożizzjonijiet għall-istima tal-kwalità ta' l-arja, għanijiet ġodda dwar materja bil-partiċelli fini PM_{2.5} u dispożizzjonijiet dwar il-flessibbiltà fl-implimentazzjoni, kif proposti mill-Kummissjoni, b'mod partikolari permezz ta' l-emendi 45, 49, 60 u 81.

Stima tal-Kwalità ta' l-Arja Il-Kunsill jikkunsidra li l-ispiża tal-monitoraġġ hija interess importanti. Għal dan l-għan ġew introdotti bidliet fil-limiti ta' l-istima tal-PM₁₀ u r-rekwiżiti minimi għall-monitoraġġ tal-materja bil-partiċelli fini. Filwaqt li għarfet il-preokkupazzjoni tal-Kunsill, il-Kummissjoni enfasizzat l-importanza ta' informazzjoni xierqa għall-istima sabiex ikun hemm kundizzjonijiet ugwali fl-evalwazzjoni tal-konformità, għall-iżvilupp tal-politika u għall-informazzjoni dwar miżuri ta' tnaqqis effettivi meta din tkun neċessarja. Id-dispożizzjonijiet dwar l-istima tal-PM₁₀ u l-PM_{2.5} li finalment ġew stabbiliti fil-pożizzjoni komuni huma kompromess u għall-Kummissjoni jirrappreżentaw ir-rekwiżiti minimi li xorta waħda ser jissodisfaw l-għanijiet imsemmija hawn fuq.

Il-pożizzjoni komuni introduċa bidliet kbar lill-Anness III tad-Direttiva, liema Anness jistabbilixxi b'aktar dettall ir-rekwiżiti minimi dwar kif għandha ssir l-istima tul it-territorju kollha ta' l-Istat Membru. L-Anness III jinkludi definizzjoni restrittiva ta' oqsma speċifiċi li, fil-każ tagħhom, m'għandhiex tiġi evalwata l-konformità mal-valuri limiti intiżi għall-ħarsien tas-saħħa pubbliku. Dan għandu jsostni metodu aktar armonizzat għall-istima tal-konformità. Il-Kummissjoni ser issegwi mill-qrib l-implimentazzjoni sabiex tiżgura li din id-dispożizzjoni ta' implimentazzjoni ma tnaqqas bl-ebda mod il-ħarsien tas-saħħa pubbliku jew tippreġudika l-kunċett ewlieni li l-valuri limitu japplikaw kullimkien.

Il-kriterji sabiex jiġu individwati punti minn fejn jittieħdu kampjuni ta' sustanzi li jniġġsu b'valuri limitu stabbiliti fl-Anness III ġew ukoll issimplifikati biex japplikaw bl-istess mod għas-sustanzi li jniġġsu kollha. Il-Kummissjoni kienet tippreferi li tinżamm il-proposta oriġinali li jikkopja d-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni eżistenti minħabba li l-bidliet jistgħu iwasslu għal bidla fil-lokazzjoni tal-punti minn fejn jittieħdu l-kampjuni u taħwid fix-xejriet tal-monitoraġġ. Il-Kummissjoni ser issegwi l-iżviluppi għax il-bidliet jistgħu jwasslu għal problemi fl-implimentazzjoni ta' dispożizzjonijie oħra, bħall-informazzjoni lill-pubbliku u l-provvista ta' informazzjoni siewja għall-iżvilupp fil-politika u, jekk ikun neċessarju, ser terġa' tqajjem il-kwistjoni permezz tal-komitat regolatorju. Madankollu, peress li l-valuri limitu japplikaw kullimkien ħlief għal żoni li jkunu espressament definiti, il-lokazzjoni mill-ġdid tas-stazzjon biss ma tbiddilx il-livell tal-ħarsien tas-saħħa pubblika.

Fl-Anness VI, il-pożizzjoni komuni tindirizza wkoll iż-żmien li fih it-tagħmir eżistenti fin-network ta' monitoraġġ għandu jirrispetta d-dispożizzjonijiet ta' l-istandards il-ġodda tas-CEN li jiffissaw il-metodi ta' riferiment li ġew introdotti fil-proposta tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni taqbel mat-termini li ġew introdotti peress li dawn ser jippermettu li jkun hemm skeda ta' l-implimentazzjoni effikaċi fir-rigward tan-nefqa għall-modernizzazzjoni tan-network, fejn dan ikun neċessarju. Hija madankollu tinnota li fir-rigward tal-kejl użat għall-istima, l-għanijiet marbutin mal-kwalità tad-data ta' l-Anness I u d-dispożizzjonijiet sabiex tiġi muriġja ekwivalenza ta' l-Anness VI jibqgħu japplikaw kollha kemm huma.

Standard PM_{2.5}. Il-pożizzjoni komuni tissostitwixxi fl-Anness XIV il-limitu massimu ta' konċentrazzjoni ta' 25 µg/m³ li għandu jintlaħaq sa l-2010, b'metodu fuq żewġ livelli li jintroduċi valur mira mhux obligatorju bl-istess livell fl-2010 u bil-valur limitu li huwa legalment vinkolanti fl-2015. Il-mira tat-tnaqqis fl-espożizzjoni ġiet estiża mid-dispożizzjoni waħda ta' 20% għal skala flessibbli b'valuri fil-gamma ta' 7-13 µg/m³. Id-dispożizzjonijiet tal-pożizzjoni komuni jippermettu wkoll tliet għażliet differenti sabiex jiġi stabbilit indikatur bażiku tat-tnaqqis ta' l-eżpożizzjoni, biex jingħata żmien sabiex jiġu stabbiliti stazzjonijiet tal-monitoraġġ adatti. Il-Kummissjoni ssostni dawn il-modifiki għaliex dawn ma jbiddux il-livell ta' ambizzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni u ser jipprovdu għal implimentazzjoni aktar effettiva.

Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-għan ambjentali doppju PM_{2.5} għall-mira ta' tnaqqis fl-espożizzjoni għandu jkun l-ispinta ewlenija għal miżuri, bil-valur limitu annwali li jservi prinċipalment bħala l-limitu massimu li jipproteġi ċ-ċittadini fiż-żoni l-aktar vulnerabbli. Fuq il-bażi tat-tagħrif li bħalissa jeżisti, il-Kummissjoni hija ta' l-opinjoni li l-isforzi sabiex jiġi rrispettat l-valur limitu annwali aktar strett tal-PM_{2.5} ta' 20 µg/m³ sa l-2015, kif propost mill-emenda 50 tal-Parlament jirriżultaw f'attenzjoni eċċessiva liż-żoni kritiċi, li huma żoni limitati bi konċentrazzjonijiet għoljin, b'detriment għall-miżuri li jnaqqsu l-espożizzjoni ġenerali tal-popolazzjoni. Min-naħa l-oħra, l-emenda 49 tippromponi li tnaqqas ir-rekwiżiti tal-mira ta' tnaqqis fl-espożizzjoni għall-biċċa l-kbira tal-livelli ta' konċentrazzjoni, li jkollu l-effett globali li jnaqqas il-livell ambizzjuż ta' l-istandards PM_{2.5} il-ġodda u ma jkunx suffiċenti sabiex jintlaħaq l-għan li jirrigwarda s-saħħa stabbilit fl-Istrateġija Tematika dwar it-Tniġġis ta' l-Arja.

Flessibilità fl-implimentazzjoni. Filwaqt li, fl-Artikolu 22 tagħha, il-proposta tal-Kummissjoni introduċiet terminu assolut (l-1 ta' Jannar 2010) għall-estensjoni tad-data meta l-valur limitu tal-PM₁₀ għandu jintlaħaq, il-pożizzjoni komuni tistabbilixxi t-terminu massimu bħala 3 snin wara li d-Direttiva tidħol fis-seħħ. Il-pożizzjoni komuni żżomm il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu sodisfatti sabiex tingħata l-estensjoni. Id-dispożizzjonijiet dwar l-estensjoni taż-żmien għall-benżin u d-diossidu tan-nitroġenu ma ġewx mibdula. L-għażla għall-materja bil-partiċelli fini PM_{2.5} tneħħiet wara li d-data għall-kisba tal-PM_{2.5} tbiddlet mill-2010 fil-proposta oriġinali tal-Kummissjoni għall-2015. Il-possibilità li ssir applikazzjoni għal estensjoni taż-żmien għad-diossidu tal-kubrit, il-monossidu tal-karbonju u ċ-ċomb tneħħiet. Il-Kummissjoni kieku tippreferi li jinżamm il-kalendarju oriġinali tagħha rigward id-data tal-kisba tal-PM₁₀ iżda taħseb li estensjoni bħal din ma tippregudikaz il-bilanċ globali tal-proposta. L-emenda 81 tal-Parlament Ewropew tippermetti li jkun hemm sa 6 snin mid-dħul fis-seħħ tad-Direttiva. Estensjoni bħal din Prattikament żgur li twassal għal dewmien fl-implimentazzjoni tal-miżuri, billi tnaqqas il-livell ta' ħarsien tas-saħħa pubblika fiż-żoni kollha li bħalissa jeċċedu l-valuri limitu PM₁₀.

3.2.5. *Bidliet fit-test relatati mal-proċeduri tal-Komitoloġija l-ġodda*

Il-Kummissjoni żammet il-pożizzjoni tagħha rigward l-emendi 61-63 tal-Parlament li jintroduċu riferiment għall-proċedura r-regolatorja l-ġdida bi sħarriġ mill-kumitat stabbilit skond din id-Direttiva, sakemm ma jintlaħaq il-ftehim interistituzzjonali dwar it-terminoloġija komuni għall-inklużjoni fil-leġiżlazzjoni sekondarja ta' l-UE. Fil-pożizzjoni komuni ġiet introdotta dispożizzjoni li tkopri l-istess suġġett, li ġiet miktuba mill-ġdid skond it-terminoloġija li l-insituzzjonijiet qablu dwarha

f'Novembru 2006. Hija għandha skop differenti mill-emenda 62 minħabba li ma tintroduċix proċedura regolatorja flimkien ma' s'tħarriġ għall-adozzjoni tal-miżuri implimentattivi li jistabbilixxu l-informazzjoni addizzjonali li għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni ta' l-Istati Membri skond l-Artikolu 27. Il-Kummissjoni tista' tagħti s-sostenn tagħha għal dawn il-bidliet.

4. KONKLUŻJONI

L-istituzzjonijiet ta' l-UE kollha għandhom għanijiet komuni rigward il-ħarsien tas-saħħa pubblika u ta' l-ambjent, u, b'mod speċifiku, il-ħtieġa għall-introduzzjoni ta' standards għall-materja bil-partiċelli fini $PM_{2.5}$, inkluża mira ġdida għat-tnaqqis fl-espożizzjoni. Kien hemm appoġġ ġenerali għall-flessibbiltà addizzjonali rigward l-implimentazzjoni kif proposta mill-Kummissjoni. L-akbar impedimenti għall-ksib ta' qbil fl-ewwel qari kienu l-perspettivi differenti dwar il-livell eżatt ta' flessibbiltà, il-bżonn li jinbidlu l-istandards eżistenti għall-materja bil-partiċelli fini $PM_{2.5}$ u s-strettezza u n-natura legali ta' l-istandard għall-materja bil-partiċelli fini $PM_{2.5}$.

Fil-pożizzjoni komuni, l-Istati Membri kkonfermaw il-pożizzjoni inizjali tal-Kummissjoni li żammet l-istandards eżistenti kif kienu filwaqt li ħalliet aktar flessibbiltà rigward il-kisba tar-rispett mal-valuri limitu standards għall-materja bil-partiċelli fini PM_{10} u emendaw xi ftit l-istandards $PM_{2.5}$ il-ġodda.

Il-Kummissjoni tista' ssostni l-pożizzjoni komuni, minħabba li nżamm il-bilanċ tal-proposta tal-Kummissjoni bejn preokkuppazzjoni kbira għas-saħħa pubblika, li tirrikjedi azzjoni b'saħħitha u kontinwa sabiex titjieb il-kwalità ta' l-arja f'ċerti żoni u l-introduzzjoni ta' standards $PM_{2.5}$ li huma ambizzjużi u li huma legalment vinkolanti, u l-flessibbiltà li ġiet introdotta sabiex tħaffef l-implimentazzjoni. Il-pożizzjoni komuni jżomm ukoll impenn ċar sabiex f'ħames snin jirrevedi l-istandards relatati mal-standards għall-materja bil-partiċelli fini sabiex il-mira għat-tnaqqis fl-espożizzjoni issir legalment vinkolanti.

Il-pożizzjoni komuni jinkludi dispożizzjonijiet addizzjonali bħar-rekwiżit għall-Kummissjoni li tipprepara gwida għall-istima tal-kontribuzzjonijiet minn sorsi naturali u mit-trammil fix-xitwa. Il-Kummissjoni tilqa' dawn id-dispożizzjonijiet addizzjonali għaliex dawn ser jiffaċilitaw metodu aktar armonizzat għall-implimentazzjoni tad-Direttiva fi ħdan il-Unjoni Ewropea.

Il-Kummissjoni kienet tippreferi kieku nżammu xi dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta, b'mod partikolari dawk relatati mar-rekwiżiti minimi tal-monitoraġġ tal-kwalità ta' l-arja. Madankollu, hija tagħraf li l-pożizzjoni komuni jirrappreżenta titjib importanti meta pparagunat ma' l-arranġamenti li hemm skond id-Direttivi eżistenti u għaldaqstant hija tappoġġaha.